# Il-Ħuttafa

numru 118

Settembru - Ottubru 2013




Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Aron Tanti



**Astun Iswed**
Black Kite

Tajra tal-priża sabiħa u mhux tant komuni, għalkemm tidher kull sena, kultant fi qtajjiet żgħar. Tingħaraf l-iktar minn denbha. Dar-ritratt ittieħed ftit ġranet ilu fil-Buskett.

# Ħbieb Ħuttaf...

editorjal

Jien naraha taċ-ċajt li nkunu għadna f'Lulju u diġà nibdew naraw ir-riklami *Back to School.* X'affarijiet dawn! Imma insomma issa vera *Back to School* għax daħlet il-ħarifa u l-iskola reġgħet bdiet.

Kieku l-għasafar jitkellmu bħalna, ħafna minnhom fil-ħarifa mhux *Back to School* jgħidu imma *Back to Africa.* Miljuni ta' għasafar li jkunu għaddew is-sajf fl-Ewropa jibdew jitilqu minn hemm, għax ix-xitwa fl-Ewropa qalila u jekk jibqgħu hemm jispiċċaw imutu bil-kesħa u bil-ġuħ. Għalhekk imorru l-Afrika, fejn it-temp fix-xitwa jkun aħjar.




Faċli tgħid "imorru l-Afrika", imma dan jaf ifisser vjaġġ ta' 1000km, 2000km jew anke 3000km u iktar. U l-għasafar ma jmorrux bl-ajruplan jew b'xi kruż tafux. Iridu jtiruha kollha. Il-passa mhix ċajta.

Dan il-vjaġġ l-għasafar ma jagħmluhx f'titjira waħda għax ikollhom jieqfu biex jistrieħu u forsi jieklu xi ħaġa. Għal ħafna għasafar tal-passa l-ikbar problema hi meta jiġu biex jaqsmu l-baħar. Għall-għasafar li jafu jgħumu, bħall-borok (papri), gawwi u blonġuni, il-baħar mhux problema għax jistrieħu f'wiċċ l-ilma. Imma l-għasafar tal-art bilfors iridu l-art biex jieqfu, għax jekk jinżlu fil-baħar jegħrqu. Wara titjira ta' 100km jew iktar, gżira bħal Malta jarawha ġenna. Għalhekk f'daż-żmien naraw iktar għasafar mis-soltu.



Victor Falzon

L-għasafar tal-passa huma fost l-aqwa atleti fid-dinja tal-annimali. Ħasra li ma nistgħux nagħtuhom medalji bħalma jieħdu l-atleti fil-Logħob Olimpiku. Imma għall-inqas nistgħu noħorġu narawhom u nifirħu bihom. U għalhekk fil-5 ta' Ottubru l-BirdLife ħa tagħmel attività għall-publiku fil-Buskett biex turi lin-nies il-ġmiel tal-għasafar u l-passa. Ippruvaw morru (ara p. 6).

U issa *back to school* l-aħwa. Awguri għal sena skolastika ġdida.

Victor

**Victor Falzon** l-Editur

## mal-faċċata



Ix-**xewk tal-mixta** (ground thistle) hija pjanta stramba. Għaliex? Għax qisha nsiet tkabbar zokk, u qabdet u fetħet il-fjura mal-art! Hija wkoll waħda mill-ewwel pjanti li jiftħu l-fjuri fil-ħarifa, imma l-weraq tagħha jkun kollu griż u niexef.

Ritratt ta' Victor Falzon

## il-Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| Il-Qerd in-Naħal | 5 |
| Ir-Raba' | 5 |
| Attività | 6 |
| Avviżi | 6 |
| Intervista max-Xorbett | 6 |
| Prinjolata! | 7 |
| Arti | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Is-Simar u l-madwar | 10 |


## il-Kumitati


### Ċentrali
Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

### Falko
Martin Austad (kap) • Anne Marie Austad • Nicholas Galea • Timothy Micallef


## il-Klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

BirdLife MALTA

## il-Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

Reg.Vol.Org. VO/0052


©BirdLife Malta, Ottubru 2013

Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Festa Fjamingi

Das-sajf dehru Malta koċċ fjamingi mhux ħażin. Sa 20 sena ilu dawn l-għasafar ftit konna narawhom. X'ġara? Li ġara probabbli hu li f'dawn l-aħħar snin il-fjamingi bdew ibejtu f'xi riservi naturali fi Sqallija. U peress li fix-xitwa ħafna fjamingi jpassu għall-Afrika ta' Fuq, Malta spiċċat f'nofs iktar "traffiku" ta' fjamingi!

Dan żgur traffiku li ma jdejjaq lil ħadd!

X'ħasra li għad hawn kaċċaturi li kif jaraw għasfur bħal dan jagħmlu minn kollox biex joqtluh. Hekk ġara f'Ġunju u f'Awwissu li għadda.



Victor Falzon

F'Malta m'għandniex postijiet kbar biżżejjed fejn jistgħu jbejtu l-fjamingi, imma kultant jinżel xi wieħed fis-Salina jew l-Għadira.



Parti minn qatgħa ta' 52 fjamingu li l-berdwoċers raw għaddejin minn fuq il-Qawra fis-7 Settembru 2013. L-għasafar f'dil-qatgħa kienu kważi kollha adulti. Iż-żgħar tagħrafhom għax ikunu ftit griżi u l-aħmar fil-ġwienaħ ikun inqas karg. Kemm taraw fjamingi frieħ f'dar-ritratt?

Raymond Galea



Dehra ftit eqreb ta' parti mill-istess qatgħa.

Raymond Galea



**Bħas-soltu, dil-ħarifa l-kaċċaturi għandhom staġun ta' ħames xhur (1 Settembru sa 31 Jannar) biex fih jieħdu gost joqtlu l-għasafar. In-nassaba wkoll għandhom staġun ta' kważi xahrejn u nofs (20 Ottubru sa 31 Diċembru) biex fih joqogħdu jogħxew jaqbdu l-imlievez u l-pluvieri fix-xbiek. Min iħobb in-natura ma jaqbadx dawn il-passatempi!**

# Ħuta ġdida daqs nitfa

Fil-baħar madwar Malta s'issa nstabu jgħixu iktar minn 300 speċi ta' ħuta. Issa nistgħu nżidu oħra! Ftit ġimgħat ilu Victor Falzon (l-Editur :-) u Desirée Falzon kienu qed jgħumu fl-inħawi ta' Għajn Tuffieħa u waqt li kienu qed jittawlu taħt l-ilma qalb xi blat fil-baxx raw ħuta żgħira ħamra b'marki vjola madwar rasha. Ħadulha xi ritratti u meta wara ċċekkjaw fil-kotba sabu li kienet **Black-headed Blenny** *Microlipophrys nigriceps*, li skont l-esperti hija ħuta ġdida għal Malta. Minħabba li ma tħobbx id-dawl tax-xemx, dil-ħuta ngħatat l-isem **Budakkra tad-Dell**. Grazzi lil seħibna Mark Anthony Falzon tal-għajnuna tiegħu.



Id-daqs veru tagħha!



Il-Budakkra tad-Dell tikber biss sa xi 3.5ċm u tgħix fi xquq qalb il-blat.

Mark Anthony Falzon

Mingħalija din mhix l-ewwel darba li ħabbarna ħut ġdid f'*Il-Ħuttafa*.

Tiċċajta! Din hi s-**seba'** waħda! L-ewwel waħda dehret f'*Il-Ħuttafa* 27 fis-sena 1998.

U aqtgħu xhiex! Is-sebgħa li huma speċi ta' budakkri!



## Msieken!

Fl-**Ingliterra** bħalissa għaddejin bi proġett: il-qtil tal-beġers! Peress li l-beġer jista' jġorr il-marda tat-tuberkulożi tal-baqar, il-gvern Ingliż ħass li l-aħjar soluzzjoni hi li joqtol partita beġers. Mhemmx provi li din se ssolvi xi ħaġa, imma l-gvern basta jingħoġob mal-bdiewa. Mela spara u oqtol Ġuż!



## Rekord!

Fis-snin sebgħin l-**Istati Uniti** bdew jipproteġu l-fkieren tal-baħar frieħ li jfaqqsu. Dis-sena max-xtut tan-nofsinhar tal-pajjiż kien hemm numru rekord ta' bejtiet tal-fkieren li faqqsu b'suċċess, speċjalment Karetti u Fkieren Ħodor. Jidher li dawk il-fkieren frieħ tas-Sebgħinijiet issa kibru u ġew lura jbidu!



## Elfejn!

**Abu Dhabi** u l-**Mongolja** għandhom proġett biex iżidu n-numru ta' Bies tal-Lvant (Saker), seqer rari. Tpoġġew 5000 bejta artifiċjali mifruxin fil-beraħ tal-Mongolja. Dawn il-bejtiet qed jintużaw b'suċċess għax dis-sena faqqsu fihom 2000 fellus! Dan l-għasfur kultant narawh f'Malta wkoll, eż. dak tar-ritratt.

Aron Tanti



## Anzjani!

Il-foresti tal-**Ewropa** jixkumaw 10% tal-karbonju li jipproduċu ċ-ċmienen tal-fabriki u l-magni tal-karozzi fl-Ewropa. Il-problema hi li ħafna minn dawn l-imsaġar qed jibdew jixjieħu, u siġar xjuħ jassorbu inqas karbonju minn siġar żgħażagħ. Jidher ċar li hemm bżonn jitħawlu iktar foresti ġodda.



## Reġgħu!

Sas-sena l-oħra, il-qerda tal-foresta Amażon fil-**Brażil** kienet naqset sew, bis-saħħa ta' liġijiet tajbin u nfurzar aħjar. Imma jidher li qed tonqos ir-rieda tajba, għax dis-sena l-qtugħ illegali reġa' żdied b'terz. Dan qed jiġri għax il-gvern qed jerġa' jillaxka l-liġijiet li jħarsu din il-foresta enormi.



## Gwerra!

Il-**Mali** u l-**Mawritanja** ngħaqdu fi gwerra li qed tinfirex mal-Afrika kollha. Se jixxerred id-demm? Xejn minn dan! Il-gwerra hija kontra l-basktijiet tal-plastik, li l-iskart tagħhom qed joħnoq l-ambjent. S'issa hemm ukoll il-Kenja, it-Tanżanija, l-Uganda u l-Afrika t'isfel li qatgħu l-użu tal-basktijiet. *Go Africa!*



## Ġdid!

Xjenzat żagħżugħ għadu kemm skopra għasfur ġdid fil-muntanji tal-**Peru**: il-Junín Tapaculo, għasfur żgħir, iswed, imgerrex u jgħix f'partijiet folti tal-foresta tropikali. Fil-fatt ix-xjenzat beda jissuspetta li għasfur ġdid mhux mid-dehra imma mill-għajta tal-għasfur, li hija differenti sew minn ta' speċi oħrajn.



## Tal-mistħija!

Il-gvern il-ġdid **Awstraljan** ma tantx jidher li jimpurtah mill-ambjent. Milli smajna, se jneħħi liġi li min iħammeġ l-arja jrid iħallas, se jneħħi l-ministeru tax-xjenza, se jneħħi l-fondi għal teknoloġiji ndaf u se jwaqqaf l-istudju dwar il-bidla fil-klima. Prosit eh, bdejna bit-tajjeb!



## Abbandunawh!

Mużew fit-**Taiwan** li kellhom *whale shark* li kien kiber wisq qabdu u telquh fil-baħar bla ma ppreparawh. Naturalment dan miskin wara tmien snin ġo tank kien nesa kif jgħum fil-baħar, u spiċċa nkalja darbtejn fuq il-blat (u wara probabbli miet). Imma l-aqwa li ħelsu minnu hux! U issa jridu jdaħħlu ieħor żgħir...






# X'nista' nara tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

## Qerd in-Naħal

**European Bee-eater** *Merops apiaster*



Dan huwa wieħed mill-aktar għasafar ikkuluriti li jidhru f'Malta. Jissejjaħ hekk għax jiekol ħafna naħal u żnażan. Qabel ma jikolhom jagħfashom ma' xi ħaġa iebsa biex ineħħilhom ix-xewka. Jiekol ukoll insetti oħra li jaqbad huwa u jtir. Huwa għasfur li jfittex il-kumpanija ta' għasafar bħalu, u għalhekk waqt il-passa jidher dejjem fi qtajjiet. F'dawn l-aħħar snin sar iktar komuni waqt il-passa, speċjalment fil-ħarifa. Ħafna drabi jtir fil-għoli, u tinduna li fil-qrib għaddejja xi qatgħa mit-tisfir sempliċi imma ferrieħi li dawn l-għasafar isemmgħu kontinwament, qisu tisfir ta' sfafar. Ibejjet f'toqob li jħaffer fil-ġnub ramlin tax-xmajjar. Ġieli bejjet f'pajjiżna f'munzelli tar-ramel f'barriera mitluqa.




It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.



Id-dehra tiegħu tfakkrek fil-paletta li jużaw il-pitturi: għandu l-qastni fuq dahru, l-ikħal, l-iswed u l-isfar ma' wiċċu u l-aħdar mal-ġwienaħ.

Victor Falzon

## MappAmbjenti 1 Raba'

Ħafna nies jaħsbu li l-iktar ħaġa li biddlet l-ambjent naturali f'pajjiżna hija l-bini. Veru li f'postijiet fejn isir il-bini, l-art tintradam taħt ġebel u żrar u konkos u tarmak. Imma fil-fatt l-iktar attività tal-bniedem li biddlet mill-ambjent naturali ta' Malta hija l-biedja. L-area kannella fil-mappa turi l-partijiet ta' Malta fejn hemm l-għelieqi. Malajr tindunaw li r-raba' jiksi iktar minn nofs pajjiżna u jieħu art iktar mill-ambjenti l-oħrajn kollha (inkluż il-bini) flimkien. Naturalment l-agrikoltura għandna bżonnha inkella ma jkollniex x'nieklu. Imma minħabba li tieħu daqshekk art, tajjeb li noqogħdu attenti biex ma ssirx ħsara lin-natura iktar milli hemm bżonn, u li l-biedja ssir b'mod li ma tfixkilx xi annimali u pjanti naturali milli jgħixu qalb jew madwar l-għelieqi. Anzi jistgħu jsiru ħafna affarijiet biex iħajru lin-natura ssir iktar sinjura fil-kampanja. Meta tqis kemm sraqna art min-natura, mhemm xejn ħażin li nagħtu xi ftit lura.

Victor Falzon



Aron Tanti



Ħafna kampanja Maltija hija mużajk ta' għelieqi, bħal hawnhekk fl-inħawi tas-Siġġiewi.



attività



Aron Tanti

# Għall-Buskett...

**Ħafna berdwoċers tal-BirdLife kull harifa jmorru l-Buskett** biex igawdu t-tajr tal-priża jpassi minn fuq dal-masġar maħbub. Dis-sena l-BirdLife ħa jkollha hemmhekk xi attivitajiet għall-familja. Din se tkun parti mill-**EuroBirdwatch**, ħaġa li ssir mal-Ewropa kollha biex in-nies jitgħallmu u jgawdu iktar l-għasafar, li huma ta' kulħadd. Għalhekk l-attivitajiet kollha ħa jkollhom x'jaqsmu mal-għasafar u n-natura, fosthom **logħob ambjentali**, ***bird ringing***, ***treasure hunt***, **berdwoċing bit-trombi u t-teleskopji**, ***stalls***, eċċ. Bħala membri fi Klabb Ħuttaf, nistidnukom b'mod speċjali biex tmorru s'hemm mal-familja tagħkom ħalli tgawdu n-natura, issibu min jispjegalkom u jurikom, u tiltaqgħu ma' nies tal-BirdLife.

Data
**Is-Sibt 5 Ottubru 2013**
Post
**Il-Buskett**
Ħin
**Mit-3pm sas-6.30pm**

Jekk tmorru fil-parking taħt it-Tinda u timxu tikka 'l ġewwa malajr issibu lil xi ħadd jurikom fejn.



## AVVIŻI




Il-**colouring book** li ħabbarnielkom ftit ilu qajjem ħafna interess! Dawn xi mistoqsijiet li spiss staqsewna...

**M.** Nibża' li sa ma nasal biex inġedded, il-kotba jilħqu jispiċċawlkom. X'ħa nagħmel?
**T.** Ġedded bil-lest minn issa għas-sena ta' wara.

**M.** Jekk inġedded bil-posta jew onlajn xorta nieħdu l-ktieb?
**T.** Iva. Nibagħtulek vawċer li tkun tista' ssarrfu fil-ktieb mir-riservi, mill-iskola (primarja), minn attività tal-BirdLife jew mill-uffiċċju tagħna.

**M.** Nista' nixtrih?
**T.** Le, il-ktieb jingħata **b'xejn** lil min jidħol (jew iġedded) membru fi Klabb Ħuttaf jew Family Member.

Żuru dawn il-kmamar fuq >> fronter

**Niskopru n-Natura ma' Klabb Ħuttaf**



Fil-corridor
Other Rooms

**Dinja Waħda**

Fil-corridor
Educational Entities

**Ir-Riserva Naturali tas-Simar**



Fil-corridor
Educational Entities

## Intervista ma' Fjura




Victor Falzon

Kif inti, Xorbett?
Mhux ħażin grazzi. Kif tara ninsab kollni fjuri bħalissa.

X'kien tiftaħ il-fjuri fil-ħarifa?
Ħeħe, apposta nwarrad issa, ħalli l-insetti jiġu kollha għandi!

Allura inti la tikber issir siġra?
Jien diġà kbira ruħi. Ma nsirx siġra għax jien arbuxxell. Niffolta ħafna imma nibqa' baxxa.

Għandek il-weraq qishom swaba'. Dawk għaliex?
Veru l-weraq tiegħi mhumiex normali. Dawk għax fihom naħżen l-ilma meta tagħmel ix-xita, ħalli fis-sajf ikolli x'nixrob.

Imma dak mhux xogħol l-għeruq?
Iva imma fl-ambjent fejn ngħix jien l-ilma tal-art spiss ikun mielaħ u mhux tajjeb għall-pjanti.

Mela x'inhu l-ambjent tiegħek?
L-ambjent naturali tiegħi huwa xatt il-baħar.

Imma hawnhekk ġnien!
Eh ruħi dak għax xi ħadd bil-għaqal ħawwilni hawnhekk għax għoġbitu d-dehra tiegħi.

Għandu raġun għax veru pjanta sabiħa! Ħa jkolli nħallik. Ċaw!
Saħħa u grazzi tal-kumpliment.

Ix-xorbett faċli tqabbduh bil-biċċa, fil-ġnien jew f'qasrija. L-aħjar żmien fix-xitwa. Meta tieħdu biċċa ibżgħu għall-pjanta. Aqtgħu, mhux iġbdu!

# Prinjolata!




Malta nieqsa mis-siġar. M'għandniex foresti kbar bħal pajjiżi oħra, fejn tmur timxi u tintilef fihom daqs kemm huma kbar! Imma madankollu xorta nsibu diversi speċi ta' siġar jikbru f'Malta, uħud komuni, oħrajn rari.

Is-siġar nistgħu naqsmuhom f'żewġ familji: siġar li jagħmlu l-fjuri u siġar li jagħmlu l-prinjoli (ngħidulhom koniferi). Il-familja tal-koniferi fiha ħafna inqas membri mill-familja l-oħra. F'Malta għandna biss tliet speċi ta' koniferi [1]indiġeni, jew li ilhom ħafna jikbru f'pajjiżna. Hemm ukoll oħra li probabbli kienet indiġena imma nqerdet mis-selvaġġ u llum hija rari.

Iż-**Żnuber** hija l-iktar konifera komuni f'Malta. F'pajjiżna hija indiġena imma s-siġar oriġinali kollha nqatgħu, u ż-żnuber li għandna jikber illum kollu tħawwel mill-bniedem, anke ż-żnuber xiħ li hemm f'inħawi bħall-Buskett. Sa ftit snin ilu L-Imġiebaħ kien hemm żnubra enormi u xiħa sew, imma fl-2009 xi kriminal ħaraqha.






**Żnuber**
Aleppo Pine
*Pinus halepensis*

Victor Falzon

L-**Għargħar** kulħadd jaf bih għax is-siġra nazzjonali ta' Malta. F'Malta l-għargħar huwa indiġenu imma jikber ukoll fil-Marokk, fl-Alġerija u fi Spanja. Sar is-siġra nazzjonali għax f'pajjiżna kien rari u kellu bżonn isir popolari mal-Maltin. U hekk ġara! Sa 20 sena ilu l-għargħar kien jikber f'xi żewġ inħawi biss imma n-nies tant ħadu grazzja mas-siġra li kulħadd ried iħawwilha. Illum tikber f'ħafna ġonna, proġetti ta' taħwil u anke skejjel. Tagħmel prinjoli żgħar maqsumin f'erba flieli.



**Għargħar**
Arar
*Tetraclinis articulata*

Victor Falzon

Iċ-**Ċipress** nagħrfuh għax twil u bil-ponta qisu pinzell tal-akwarell. Għandu weraq skur u jagħmel prinjoli qishom blalen żgħar tal-futbol. Iċ-ċipress huwa siġra Mediterranja, speċjalment fil-Lvant, imma probabbli mhux indiġenu għal Malta. L-esperti jaħsbu li daħħluh Malta r-Rumani, li kienu jħobbu jżejnu l-ġonna tal-vilel tagħhom b'dis-siġra majestuża. Iċ-ċipress narawh l-iktar fiċ-ċimiterji. Fil-Buskett u fil-ġonna ta' San Anton hemm xi ċipressiet li għandhom mijiet tas-snin.



**Ċipress**
Italian Cypress
*Cupressus sempervirens*

Victor Falzon



**Ġniepru**
Phoenician juniper
*Juniperus phoenicea*

Alex Casha

Il-**Ġniepru** hija konifera daqsxejn stramba, għax il-prinjoli tagħha mhumiex ibsin u tal-injam bħal tal-koniferi l-oħrajn imma rotob u mlaħħmin qishom *berries*. Il-ġniepru hija rari f'Malta. Hija siġra mifruxa mal-Mediterran kollu, anke fi gżejjer ġirien tagħna bħal Sqallija u Lampedusa. Għalhekk l-esperti jaħsbu li fl-antik kienet tikber selvaġġa f'Malta wkoll imma nqerdet wara l-wasla tal-bniedem. Però reġgħet tħawlet f'xi postijiet u hemm inħawi fejn qed terġa' [2]tinnaturalizza.

Grazzi lill-ħabib tagħna Edwin Lanfranco għal xi tagħrif.

[1]**Indiġena**. Minn dejjem kienet tikber f'dak il-post.
[2]**Tinnaturalizza**. Pjanta li l-ewwel tkun ikkultivata mill-bniedem imma li ż-żerriegħa tagħha jinxterdu u jibdew jikbru pjanti weħidhom fis-selvaġġ.

# Agħti kulur



Victor Falzon

## Ċiefa





Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew pjanti kkultivati) ħalli nġibuhomlkom f'dil-paġna. Basta jkunu veru tagħkom! Tistgħu tibagħtuhom bil-posta jew imejl.

**indirizz**
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
**imejl**
**il-huttafa@birdlifemalta.org**

*Materjal li tibagħtulna bil-posta ma nkunux nistgħu nibagħtuh lura.

# ARTITASKYA

Kartun ieħor ta' **Askya Pizzuto** (17)




**Ċiefa** (u ferħa!)



Ħames **Ċirlewwiet Suwed** (Black Terns) jgħidu kelma waqt li jistrieħu fuq baga tal-ġablow.

Timothy Micallef



**Karetta** (Loggerhead Turtle) qed tistrieħ f'wiċċ ta' baħar kalm.

Timothy Micallef





# Ħbieb Falkuni!

Nixtieq naqsam magħkom xi esperjenzi li kelli fis-sajf tal-2012 u ta' dis-sena. Dawk minnkom li ġieli ġew magħna l-ħarġa bil-lanċa sa Ta' Ċenċ jafu li ħafna mill-irdumijiet madwar xtutna għandhom importanza kbira għal ċerti għasafar li jbejtu fihom. Dawn il-postijiet huma protetti, imma l-għasafar ma jgħixux ħajjithom kollha fil-kolonja, anzi huma tajr tal-baħar. S'issa l-parti kbira tal-ibħra tagħna mhumiex protetti.

Bħalissa BirdLife Malta qed tieħu ħsieb l-**EU LIFE+ Malta Seabird Project**, proġett li jinvolvi ħafna riċerka fuq iċ-Ċiefa, il-Garnija u l-Kanġu ta' Filfla. Qed isiru osservazzjonijiet fuq il-baħar, minn Marzu sa Ottubru, biex nitgħallmu liema huma l-inħawi tal-baħar fejn dawn it-tliet speċi l-iktar li jużaw biex ifittxu l-ikel u jistrieħu.

Minn ġimgħa għal oħra jien ivvolontarjajt xi jiem mat-tim fuq id-dgħajsa. Il-bijodiversità kollha li rajna, speċjalment it-tliet speċi li semmejt, inkitbet skont metodoloġija apposta sabiex l-informazzjoni tinġabar b'mod xjentifiku.

Ovvjament matul il-vjaġġi qatt ma konna nafu x'ser nosservaw, imma spiss kellna ġranet tajbin. Minbarra t-tliet *seabirds* tal-proġett rajna ħafna speċi t'għasafar oħrajn, fosthom tajr tal-priża, ċirlew u rsieset. Naraw ukoll fkieren tal-baħar u diversi speċi tad-dniefel li xi kultant jiġu viċin id-dgħajsa. Das-sajf issalvaw numru ta' fkieren li sibniehom f'diffikultà għax kienu belgħu skart fil-baħar. Illum qegħdin jirkupraw bil-mod, u b'xorti tajba ftit minnhom diġà reġgħu nħelsu.

Dan il-proġett għandu jwassal għal iżjed protezzjoni tal-għasafar tal-baħar u ż-żoni l-iżjed importanti għalihom. Personalment ħadt gost li kont qed naħdem ma' tim responsabbli u ta' esperjenza. Verament huma jiem li ma ninsa qatt, u nħajjar lilkom ukoll biex tgħinu f'dan il-proġett. Dan tistgħu tagħmluh billi tikkuntattjaw l-uffiċċju tal-BirdLife. Narakom!

*Timothy*
**Timothy Micallef**
Falko Leader



U milli qed nara mir-ritratti li ħa Timothy, huwa ċans tajjeb ukoll għal min minnkom dilettant tal-fotografija tan-natura.





Timothy Micallef

**Ċiefa** (Scopoli's Shearwater) ċċafċaf saqajha fl-ilma!

## Ħadna gost...



Fit-28 ta' Awwissu ltqajna grupp sabiħ u żorna r-riserva naturali tal-Għadira. Kienet opportunità biex diversi membri jaraw għasafar li qatt ma kienu raw qabel bħal **Gamiema tal-Kullar**, **Monakella Prima** u **Tertuxa**. Il-**Monakella**, li tbejjet fir-riserva, kellha wkoll il-frieħ li ġew viċin. Wara morna nieħdu gost flimkien fil-bajja tal-Għadira fejn għomna, għamilna barbikju u sirna nafu iżjed lil xulxin. Nisperaw li nibqgħu narawkom u uċuħ ġodda ħalli l-Falko tibqa' tikber!



Aron Tanti

## Eurobirdwatch

Fil-bidu ta' Ottubru jsiru attivitjiet fl-Ewropa u fl-Asja biex jiċċelebraw il-passa tal-għasafar u jħajru l-berdwoċing. Aħna tal-Falko ħa nissieħbu magħhom! Fil-ħarifa mkien m'hawn tajjeb daqs il-Buskett. Did-darba mhux il-Falko biss ħa nkunu imma ħa tkun attività tal-BirdLife kollha. Ħa jkun hemm logħob, berdwoċing u anke *treasure hunt*. Jekk inkunu biżżejjed Falkuni forsi nagħmlu kompetizzjoni tagħna wkoll billi nduru l-Buskett f'timijiet u naraw min jara l-iżjed speċi f'siegħa. Ħajru lil sħabkom jiġu, iżjed ma nkunu aħjar!

Data is-**Sibt 5 Ottubru 2013**
Niltaqgħu **3pm** fil-parking tat-Tinda Nispiċċaw **xi 6.30pm**
Ġibu ikel u xorb • tromba • żarbun tajjeb • kamera • nowtbuk
Età **Falko 13+**



Timothy Micallef

## Kemmuna fil-ħarifa

Wara s-suċċess tal-attività li kellna f'April f'Kemmuna, ħa nerġgħu mmorru! Did-darba sejrin tard f'Ottubru meta ħafna għasafar żgħar bħall-**Pitirross**, il-**Malvizz** u l-**Buċaqq tax-Xitwa** jkunu qed ipassu mill-gżejjer tagħna. Kemmuna tkun ukoll bdiet tiħdar bil-ħaxix u tkun sabiħa ħafna għal mixja. U ħa nkunu nistgħu nerġgħu naraw ftit ringing tal-għasafar.

Data is-**Sibt 26 Ottubru 2013**
Niltaqgħu **7.15am** fit-terminus taċ-Ċirkewwa
Lura ċ-Ċirkewwa **tard wara nofsinhar**
Ġibu ikel u xorb • żarbun tajjeb • tromba • kamera • nowtbuk
Età **Falko 13+**

Tittardjawx għax il-lanċa mhix ħa tistenniena.





Jekk tkun ġej ħarġa tal-Falko **dejjem** ibgħat imejl lil **falkoblm@gmail.com** jew ċempel **99214143 / 99809190**.



Jason Aloisio

# Is-Simar u l-madwar

Victor Falzon

Ħafna minnkom tafu bir-riserva naturali tas-Simar peress li mortu hemm ma' tal-iskola. Din ir-riserva naturali hija parti minn wieħed mis-Siti Natura 2000 ta' Malta.

## riserva naturali

Is-Simar qiegħed f'tarf il-Wied tal-Pwales, wieħed mill-iktar widien wesgħin ta' Malta, u jinsab bejn żewġ għoljiet: Wardija Ridge u Bajda Ridge. Dawn huma parti minn sett ta' widien u għoljiet li fihom hija maqsuma n-naħa ta' fuq ta' Malta. Ħafna mill-Wied tal-Pwales huwa għelieqi, imma n-naħa tal-lvant hija baxxa ħafna, tant li l-ilma taħt l-art imħallat mal-baħar. Fdal-post kien jikber ħafna **simar** (rushes), li jħobb l-ambjent tax-xtut, u għalhekk il-post beda jissejjaħ Is-Simar. Minħabba li s-Simar kien qrib il-baħar qatt ma kien tajjeb għall-biedja, u għamel ħafna żmien mitluq. Għoxrin sena ilu l-BirdLife bdiet hemmhekk proġett biex l-ambjent naturali jerġa' jieħu l-ħajja.

> *Ħafna jaħsbu li l-kelma* ***pwales*** *ġejja minn isem San Pawl għax f'dawn l-inħawi jingħad li kien inkalja San Pawl meta ġie Malta. Imma fil-fatt* ***pwales*** *ġejja minn* ***palus****, kelma bil-Latin li tfisser art mifqugħa bl-ilma (bl-Ingliż marsh). Din hija deskrizzjoni tajba ta' kif kienet l-art f'dawn l-inħawi qabel ma l-bniedem bidilha f'għelieqi.*

Il-proġett irnexxa u fis-Simar illum hemm tliet ħabitati naturali li huma rari fil-bqija tal-pajjiż: għadajjar, bur salmastru u meded tal-qasab, ilkoll mimlijin bin-natura. Fl-ilma tikber ir-**ruppja** (tasselweed), pjanta rarissma f'Malta, u tgħix ukoll il-ħuta nazzjonali ta' Malta, li hija l-**bużaqq** (Mediterranean killifish), ħuta protetta u rari sew f'pajjiżna. U jogħdsu jew jistadu għaliha nsibu għasafar bħal **ta' San Martin** (kingfisher), ir-**russett aħmar** (purple heron) u l-**blonġun żgħir** (little grebe), li llum anke jbejjet hemmhekk. Fil-qasab tbejjet il-**bufula tal-qasab** (reed warbler) u fl-għadajjar iċafċfu l-**glalez suwed** (moorhens) u t-**tiġieġ tal-baħar** (coots). U jduru fuq l-ilma tal-għadajjar ma jonqsux diversi speċi ta' **mazzarelli**.

## Fejn hu?

Is-Simar qiegħed fil-Wied tal-Pwales u jispiċċa fil-bajja tax-Xemxija.



## biedja u bosk

Kif taraw mill-mappa, ir-riserva naturali tifforma biss parti żgħira mis-Sit Natura 2000 kollu. Is-Sit ikompli fuq tliet naħat u jinkludi fih ħafna għelieqi - fil-fatt iktar minn nofs (56%) ta' dan is-Sit huwa art agrikola li tinħadem regolari. F'dawn




Victor Falzon



Fir-riserva naturali tas-Simar hemm għadajjar ta' ilma salmastru u meded ta' qasab. Dawn huma ħabitati rari fil-Gżejjer Maltin.




Aron Tanti

Dehra mill-ajru ta' parti mis-Sit Natura 2000 tas-Simar. Is-siġar li jidhru fuq l-għolja huma parti mill-masġar tal-Miżieb.

l-għelieqi fix-xitwa jinżlu jieklu ħafna **zizka bojod** (white wagtail), **sturnell** (starling) u **psiepes** (meadow pipit).

Is-Sit jinkludi wkoll parti mill-wileġ u d-dahar tal-għolja magħrufa bħala Bajda Ridge. Biċċa sew minn din l-għolja hija miksija b'medda sabiħa ta' siġar – l-iktar **żnuber** (Aleppo pine) u **żebbuġ** (olive) – magħrufa bħala l-Miżieb. Il-Miżieb kien tħawwel fis-snin sittin biex iħaddar u jsebbaħ pajjiżna imma b'xorti ħażina llum jiġġerrew fih ħafna kaċċaturi li kull sena joqtlu fih eluf ta' għasafar, fosthom tajr protett bħal **kuċċard** (honey-buzzard) u **daqquq ikħal** (cuckoo). F'dan is-Sit hawn xi siġar tal-**ħarrub** (carob) li għandhom mijiet tas-snin u li huma fost l-ixjeħ ħarrub fil-Gżejjer Maltin.

## xagħri u steppa

Fuq l-għolja u mal-ġnub tagħha hemm ukoll meded ta' xagħri u steppa bil-blat. Dawn l-ambjenti forsi taħsibhom foqra għax fihom ma jikbrux siġar, imma fil-fatt huma importanti għax fihom issib pjanti oħrajn, fosthom arbuxxelli bħal **sagħtar** (Mediterranean thyme) u **żebbuġija** (olive-leaved germander), pjanti xeblieka bħall-**pajżana** (common smilax) u ħaxix bħall-**barrum tax-xagħri** (hispid beard-grass). Tikber ukoll it-**tulliera ta' Malta** (Maltese fleabane), li tikber Malta biss, l-**għansar** (sea squill) u ħafna **berwieq** (branched asphodel). Qalb il-blat, ħitan tas-sejjieħ u s-siġar jgħixu annimali bħal-**lifgħa** (leopard snake), il-**qanfud** (Algerian hedgehog) u l-**ballottra** (weasel).

*Dan is-Sit huwa importanti anke għall-istorja. Per eżempju minnu tgħaddi mogħdija ta' żmien ir-Rumani. Fl-istess inħawi hemm ukoll qabar Puniku u mġiebah antikissmi.*

Is-Simar u l-madwar jiġbru fihom varjetà sabiħa ta' ħabitati, li jiġbdu lejhom diversità ta' natura. Mhux għalxejn dal-post huwa Sit Natura 2000!

Aron Tanti



It-**tulliera ta' Malta** tikber fix-xagħri, f'xi roqgħa ħamrija baxxa qalb il-blat. Hija pjanta endemika għal Malta.

Charles Coleiro



Il-**blonġun żgħir** huwa wieħed mill-iktar għasafar riċenti li bdew ibejtu f'Malta, fir-riserva tas-Simar.

Victor Falzon



Il-**ħarruba** tista' tgħix mijiet tas-snin. Fir-ritratt jidhru l-fjuri tal-ħarruba raġel, li jiftħu f'Ottubru.

# Tridu?




Ġedded sena oħra fi Klabb Ħuttaf

u jkun tiegħek!